# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Rikors numru: 282/2012/1 BS**

**Wara l-Ittra Uffċjali numru 282/2012**

**Awtorità tal-Ippjanar**

**-vs-**

**John sive Jovan Vella**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors ta' John Vella li permezz tiegħu espona bir-rispett:

1. ILLI l-ammont pretiż mill-Awtorità ma hux dovut mir-rikorrent;

2. ILLI qabel ma ttieħdet id-*direct action* l-esponenti qatt ma ġie personalment notifikat dwar l-avviż tat-twettiq numri 822/04 u 951/05 mertu tal-istess *direct action* liema avviżi

kienu maħruġa f'isem "l-okkupant" u ma ġewx notifikati lir-rikorrent;

3. ILLI qabel ma ttieħdet id-*direct action* l-esponenti qatt ma ġie personalment notifikat dwar l-ilmenti u l-intenzjoni tal-Awtorità li tieħu *direct action*;

4. ILLI l-esponenti ma hux l-awtur tal-ilmenti mressqa mill-Awtorità u li dwarhom l-Awtorità ħadet *direct action* u għalhekk ma għandux ikun tenut iħallas l-ispejjeż;

5. ILLI t-talba pretiża mill-Awtortà tal-Ippjanar hija infondata fid-dritt u fil-fatt;

6. L-ESPONENTI jirriżerva li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smigħ tar-rikors odjern.

GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara t-talba tal-Awtorità infondata, bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità.

**Rat ir-risposta tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li permezz tagħha eċċepiet:**

ILLI r-rikors ta' John sive Jovan Vella tad-9 ta' Awwissu 2012 ma jistħoqqlux li jiġi akkolt, u dan għas-segwenti raġunijiet;

ILLI mhuwiex assolutament minnu li r-rikorrent qatt ma ġie personalment notifikat bl-avviżi ta' twettiq numri 822/04 u 951/05. In effetti r-rikorrent sejjer ferm żbaljat meta jgħid illi dawn l-avviżi ħarġu f'isem "okkupant". Għall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, tali avviżi fil-fatt ħarġu f'isem ir-rikorrent stess, minkejja li f'kull każ skont il-liġi dawn jistgħu jinħarġu wkoll f'isem l-okkupant. Jirriżulta wkoll lill-Awtorità li bħala stat ta' fatt ir-rikorrent kien ġie notifikat b'dawn iż-żewġ avviżi, kif

jirriżulta aħjar mill-*pink card* li tindika n-notifika. Il-*pink card,* li kopja tagħha qed tiġi annessa, fil-fatt turi li John sive Jovan Vella personalment kien ġie notifikat bl-avviż ta' twettiq numru 822/04 fil-20 ta' Ottubru 2004, mentri kien ġie notifikat bl-avviz numru 951/05 4-24 ta' Ottubru 2005. Għaldaqstant l-avviżi ġew debitament notifikati, ma ġewx appellati, u għalhekk huma eżegwibbli skont il-liġi. Għalhekk tali lanjanza li ġiet sollevata mir-rikorrent ma timmeritax li tiġi akkolta;

ILLI fir-rigward tat-tielet lanzjana sollevata mir-rikorrent, l-Awtorità tirrileva illi m'għandha l-ebda obbligu li tinnotifika fir-rikorrent bl-intenzjoni tagħha li tieħu *direct action,* u ċjoè li ser tgħaddiha għat-tneħħija tal-illegalità hi wara r-rifjut tal-individwu konċernat li jneħħi l-illegalità hu. L-avviż li ġie notifikat bih ir-rikorrenti kien jistipula żmien li fih l-illegalità riedet titneħħa, billi jgħid illi r-rikorrent għandu sittax-il ġurnata sabiex ineħħi l-illegalità illi huwa wettaq. Hu kontro-sens, u mkien ma joħroġ mill-liġi, li jekk ir-rikorrent ma wettaqx dak indikat fl-avviż, hu kellu jiġi mgħarraf mill-ġdid li l-Awtorità ser tgħaddi għad-*direct action*. Huwa proprju minħabba l-inadempjenza tar-rikorrent li l-Awtorità kellha *per forza* tintervjeni u tneħħi l-illegalità hija stess;

ILLI r-rikorrent jiġi notifikat bl-avviż ta' twettiq u sta għalih li jneħħi l-illegalità fiż-żmien mogħti lilu, fin-nuqqas ta' liema l-Awtorità għandha d-dritt li tipproċedi b'*direct action* u dana mingħajr l-ebda avviż ulterjuri;

ILLI fir-rigward tar-raba' lanjanza, l-Awtorità tirrileva li l-ksur tal-e*nforcement notic*es li wassal lill-Awtorità biex tneħħi l-illegalità hi, fir-rifjut ta' John sive Jovan Vella li jneħħi l-istess illegalità u jottempera ruħu mal-avviż, hu wkoll reat kriminali skont il-Kap. 356 u l-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta. Għandu jbati l-ispejjeż konnessi mad-*direct action* min wettaq l-illegalità. Il-fatti kif inhuma juru li r-rikorrent ġie debitament notifikat b'żewġ

*enforcement notices* iżda qatt ma interpona appell minnhom. Dan il-fatt waħdu hu prova ta' kemm ir-rikorrent huwa in effetti l-awtur tal-illegalità in kwistjoni, għaliex issokkomba għall-avviż mingħajr ma interpona appell. Għal din ir-raguni u fid-dawl tal-inadempjenza tar-rikorrent, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tidħol f'tali lanjanza, għaliex tali lanjanza kellha *semmai* tiġi epurata fi proċeduri ta' appell mill-istess avviż, u mhux f'din il-proċedura meta l-imsemmi avviż ġie reż eżekuttiv;

GĦALDAQSTANT għar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-Awtorità esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali fuq riferita hu dovut lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u għalhekk tiċħad ir-rikors ta' John sive Jovan Vella tad-9 ta' Awwissu 2012, bl-ispejjeż kontrih.

Rat illi fl-udjenza tas-27 t'April 2016 il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens illi minflok il-kliem "Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidħlu l-kliem "Awtorità tal-Ippjanar";

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż ix-xhieda ġa miġbura;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum bil-fakoltà li l-partijiet jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet finali;

Fliet l-atti fl-intier tagħhom.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din il-vertenza l-intimat qiegħed jattakka l-pretensjoni tal-Awtorità attriċi għall-ħlas tas-somma ta' sitt mija u ħdax-il ewro u erba' ċenteżmi (€611.04ċ) rappreżentanti spejjeż inkorsi fl-eżekuzzjoni ta' żewġ *enforcement notices* u ċjoè dik bin-numru 822/04 u dik bin-numru 951/05.

Mill-atti jirriżulta li fit-28 ta' Settembru 2004 l-Awtorità attriċi ħarġet fil-konfront tal-intimat Avviż biex Tieqaf u Twettaq bin-numru 822/04 konsegwenti tfigħ ta' materjal fuq sit mingħajr permess. Dan l-avviż inħareg fil-konfront ta' John Vella *qua* l-persuna li xeħtet il-materjal, kif ukoll fil-konfront ta' Anthony Mercieca *qua* sid l-art li fuqha ntefa' l-materjal.

Fis-17 ta' Ottubru 2005 l-Awtorità attriċi ħarġet "Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq" numru 951/05 liema ksur tal-kontroll tal-Ippjanar kien jikkonsisti fi żvilupp mingħajr permess konsistenti dan fit-tqegħid ta' *container* f'sit fi Triq Wied Siekel, il-Fontana, Għawdex.

B'sentenza tad-9 ta' Ottubru 2006 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Maurice Curmi) -vs- John Vella**, John Vella ġie misjub ħati talli kkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjetà ta' Jude sive Teddy Sacco u martu Esther Sacco billi poġġa *containers* u inġenji oħra f'biċċa art imsejħa 'Ta' Wied Siekel', il-Fontana, Għawdex.

B'deċiżjoni tat-18 ta' Jannar 2008 il-Bord tal-Appelli ddikjara li "m'hemm l-ebda dubju li tali *container* kien tqiegħed abbużivament fuq is-sit in kwistjoni u dan għal perjodu estensiv bla ebda ġustifikazzjoni. Il-Bord għalhekk ċaħad l-appell ta' John Vella u kkonferma l-ħruġ tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq bħala wieħed validu.

Charles Debattista, Uffiċjal Anzjan tal-Infurzar, xehed illi ħarġu żewġ *enforcement notices* rigwardanti numru ta' irregolaritajiet konsistenti fit-tqegħid ta' *container*, parkeġġar ta' vetturi u reklamar ta' art li minkejja destinata bħala art agrikola bdiet tintuża bħala parkeġġ inkluż ta' vetturi bla liċenzja. Xehed illi saru żewġ tentattivi ta' *direct action*. L-ewwel darba kien f'April

2007 iżda meta marru fuq il-post sabu *container* f'pożizzjoni vertikali u peress illi l-Awtorità attriċi ma kellhiex biex tniżżel il-*container*, l-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti fuq il-post tkellmu ma' Vella u kkonċedewlu żmien erbħa u għoxrin (24) siegħa sabiex iniżżel il-*container* f'pożizzjoni orizzontali. Reġa' sar tentattiv ieħor nhar it-28 ta' Mejju 2007. Dak inhar l-Awtorità, permezz tal-uffiċjali tagħha preżenti fuq il-post u permezz tal-kuntrattur minnha inkarigat, naddfet is-sit billi ġabret l-iskart li twaddab fl-għalqa, ikklampjat u rmonkat il-*container*, u neħħiet mill-post il-vetturi kollha li kien hemm parkeġġjati. Fir-rigward tal-vetturi Debattista xehed illi l-Pulizija ħadu ħsieb jikkuntattjaw lill-proprjetajiet tal-vetturi u dawn marru personalment biex neħħew il-vetturi tagħhom minn fuq il-post. Kwantu għall-*container*, bil-għan illi jitnaqqsu l-ispejjeż, dan ittieħed fiż-żona Industrijali tax-Xewkija. Spjega illi f'dan il-każ id-*direct action* kienet tikkonsisti fi *clamping* u tneħħija ta' skart. Spjaga wkoll illi qabel ittieħdet id-*direct action* intbagħat avviż li kien notifikat peronalment lill-intimat. F'dan l-avviż kien hemm miktub illi Vella kellu żmien sittax(16)-il ġurnata sabiex jew ineħħi l-irregolaritajiet kollha jew sabiex jappella mid-deċiżjoni li tittieħed *direct action*. It-terminu għadda iżda Vella la appella u lanqas ma ottempra ruħu. F'dan il-każ ma kien hemm ebda obbligu ieħor fuq l-Awtorità illi terġa toħroġ notifika ġdida qabel ma tgħaddi sabiex tintervjeni u tnaddaf is-sit.

In kontroeżami xehed illi l-avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq inħareġ f'isem John Vella kif ukoll f'isem Anthony Mercieca. Xehed illi l-kont li ntbagħat lil Vella jirrappreżenta l-isejjeż inkorsi mill-Awtorità fit-tneħħija tal-irregolaritajiet li kellhom x'jaqsmu direttament ma' Vella.

John Vella xehed fis-sena 2016 u qal illi madwar għaxar snin (10) qabel ċertu Gordon Grech mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar kien kellmu dwar l-irregolaritajiet u waħħal mal-ħajt

*enforcement notice*. Jgħid però illi minn dakinhar ′il quddiem ħadd qatt ma reġa′ avviċinah.

Vella xehed illi huwa qatt ma ġie notifikat la bl-*enforcement notice* u anqas b′ebda avviż ieħor tant illi dak inhar tad-*direct action* lanqas biss kien jinsab Għawdex u meta sar jaf x′kien qiegħed jiġri bagħat lil ħutu fuq il-post. Spjega illi li kieku kien avżat minn qabel kien jilħaq ineħħi ħwejjġu u b′hekk jiffranka li jeħel l-ispejjeż akkollati lilu mill-Awtorità dwar l-ispejjeż minnha inkorsi. F′dan ir-rigward xehed illi l-kont tal-ispejjeż huwa eċċessiv aktar u aktar għaliex għalkemm l-Uffiċjali tal-Awtorità damu madwar sagħtejn fuq il-post, il-kont juri spejjeż għal disa′ (9) sigħat ta′ xogħol.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-azzjoni odjerna John Vella qiegħed jattakka l-pretensjoni tal-Awtorità għall-ħlas fis-somma ta′ sitt mija u ħdax-il ewro u erba′ ċentenżami (€611.04ċ) rappreentanti spejjeż inkorsi mill-Awtorità fit-twettiq tad-*direct action* u ċjoè fit-tindif tal-għalqa mill-iskart u fil-qbid u ġarr ta′ *container* ta′ erbgħin (40) pied mill-għalqa *de quo* saż-żona Industrijali tax-Xewkija.

Kif xehdu r-rappreżentanti tal-Awtorità u kif jidher ċar minn kopja tal-kont esebita a fol. 22 tal-proċess, l-ispejjeż jirrappreżżentaw ħlas lill-Uffiċjali tal-Awtorità, ħlas lill-Pulizija, ħlas lill-kuntrattur, u spejjeż tal-vapur li jaqsam bejn Malta u Għawdex.

Il-kontestazzjoni ta′ Vella hija dwar il-fatt illi huwa qatt ma ġie notifikat la dwar l-avviż bin-numru 822/04 u lanqas b′dak bin-numru 951/05.

L-Awtorità rribattiet illi mhuwiex minnu li Vella qatt ma ġie notifikat bl-avviżi. Fir-risposta tagħha l-Awtorità tgħid illi Vella

ġie personalment notifikat bl-avviż numru 822/04 fl-20 t'Ottubru 2004 waqt illi n-notifika tal-avviż numru 951/05 saret lilu personalment fl-24 ta' Ottubru 2005. Il-Qorti tosserva illi għalkemm fir-risposta tagħha l-Awtorità tagħmel referenza għall-evidneza tan-notifika li tgħid tirriżulta mill-*pink card* annessa mar-risposta, effettivament ma jirriżulta ebda dokument anness mar-risposta.

Għalkemm l-Uffiċjali tal-Awtorità saħqu dwar in-notifika tal-*enforcement notice* lil Vella, mill-atti ma tirriżulta ebda prova dwar dan. Ġew ippreżentanti fatturi, rapport u anki kopji ta' deċiżjoniijet fil-konfront ta' Vella. Madanakollu, fl-atti la ġiet preżentanta kopja tal-avviżi numru 822/04 u 951/05 u wisq u wisq anqas il-prova li dawn inħarġu direttament f'isem Vella u li ġew debitament notifikati lilu.

Il-prova tan-notifika tal-avviżi hija kruċjali għall-pretensjoni attriċi. Il-Qorti tgħid dan għaliex li kieku l-Awtorità seħħilha tagħmel il-prova tan-notifika tal-avviżi lil Vella u seħħilha turi wkoll li dan injora l-avviżi allura l-aġir tal-Awtorità meta sar l-infurzar kien ikun wieħed ġustifikat u leġittimu. Mill-band l-oħra, in assenza tan-notifika tal-avviżi lil Vella din il-Qorti żgur ma tistax tgħid illi l-pretensjoni tal-Awtorità hija ġustifikata. Il-Qorti ma tkunx qiegħda tagħmel ħaqq jekk takkolla lil Vella l-ispejjeż ta' proċedura li seta' kien totalment fil-għama dwarha u li għalhekk la seta' jappella minnha u wisq anqas seta' jirrettifika l-illegalità tempestivament.

Fiċ-ċirkorstanzi, u in assenza ta' provi kontrarji, il-Qorti sejra tilqa' t-talba kif dedotta.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi

tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorità tal-Ippjanar, tilqa' t-talba ta' John Vella u tiddikjara t-talba tal-Awtorità għall-ħlas bħala infondata.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-Awtorità tal-Ippjanar.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur